MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2003

Avviz Numru. 1748/1999/1

Rikors Nru:- 1748R/99DM

Robert Cini

vs

John Grech li jiggestixxi d-ditta "AlumGlass"

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha l-attur, wara li ppremetta:

Illi b'sentenza moghtija fil-5 ta' Lulju 1999 minn din l-Qorti fil-kawza fl-ismijiet inversi (Avviz Nru. 492/99 MM), il-konvenut odjern gie kanonizzat kreditur tal-attur odjern fis-somma ta' tlett mija u ghoxrin lira (Lm320) in rapprezentanza ta' bilanc minn somma akbar allegatament dovuta lilu bhala import tal-prezz ta' twieqi ta' "aluminium" ordnati minghandu kif ukoll bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha,

inkluz is-somma ta' ghoxrin lira Maltin (Lm20) rapprezentanti spejjez extra-gudizzjarji;

1 Illi l-imsemmija sentenza nghatat fuq kapitolu pprezentat mill-konvenut odjern, ghal-liema kapitolu l-attur odjern qatt ma kien irrisponda ghaliex qatt ma kien jaf u/jew gie notifikat bil-kawza;
2 Illi, kif jidher mill-atti ta' dik il-kawza, il-konvenut odjern kien b'rikors tal-10 ta' Gunju 1999 talab li n-notifika tal-attur odjern issir bil-procedura tal-affissjoni fl-indirizz indikat fl-Avviz u fl-Ghassa tal-Pulizija tal-lokal u dan wara li fl-istess rikors ikkonferma li l-attur odjern kien ghadu jghix fl-indirizz indikat;
3 Illi kif jidher mill-atti, wara li din il-Qorti akkordat it-talba kontenuta fir-rikors fuq imsemmi, s-suppost notifika saret billi twahhlet kopja tal-Avviz mal-bieb ta' barra tal-indirizz 123, Triq San Xmun, San Pawl il-Bahar kif ukoll fl-ghassa tal-lokal ;
4 Illi l-attur odjern (konvenut f'dik il-kawza) fid-data tal-ezekuzzjoni tan-notifika bl-affissjoni kien ilu snin li teleq mill-indirizz indikat fl-Avviz u kien qed joqghod fl-indirizz Flat 3, 13 Silver Lining, Triq Isouard, San Pawl il-Bahar;
5 Illi ghalhekk l-Avviz qatt ma kien gie notifikat skond il-ligi lill-attur odjern u l-konsegwenti sentenza kienet inoltre ttiehdet bil-qerq tal-konvenut odjern bil-hsara tal-attur odjern;
6 Illi l-attur odjern sar jaf l-ewwel darba bis-sentenza fuq imsemmija meta f'Settembru 1999, ufficjali tal-Korporazzjoni Enemalta nfurmawh u tawh kopja tal-mandat ta' sekwestru numru 1903/99 (kopja nformi Dok B) li l-konvenut odjern ottjena biex jezegwixxi l-fuq imsemmija sentenza.
7 Illi l-attur fil-fatt ma ghandu jati xejn lill-konvenut peress illi l-appalt imsemmi fl-Avviz kien gie terminat f'Novembru 1997 minhabba l-inadempjenza tal-konvenut u fil-fatt sallum la t-twieqi msemmija fl-Avviz u wisq anqas il-bibien u poggamani ordnati fl-istess appalt ma gew konsenjati

Talba li l-Qorti

1. Tordna r-ritrattazzjoni tal-kawza fuq riferita deciza fil-5 ta’ Lulju 1999 ai termini tal-artikolu 811(a) u (b) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili.
2. Tichad bl-ispejjez it-talbiet attrici f’dik il-kawza minhabba li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.
3. Bl-ispejjez
4. Bil-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut John Grech li jiggestixxi d-ditta ‘Alum Glass’ fejn eccepixxa:

1. Illi preliminarjament, l-irritwalita’ tac-citazzjoni promotrici ai termini tal-artikolu 816 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta stante illi l-attur naqas, fil-premessi citattivi tieghu, milli jsemmi r-ragunijiet ghar-ritrattazzjoni fil-kliem li huma migjuba fl-artikolu 811 tal-istess Kap 12 u naqas li jsemmi wkoll fl-istess premess citattivi d-dispozizzjonijiet tal-istess artikolu 811 li jghoddu ghal dawn ir-ragunijiet, izda ghamel riferenza biss ghad-dispozizzjonijiet tal-paragrafi (a) u (b) tal-artikolu 811 tal-Kap 12 fil-parti tac-citazzjoni li tinkorpora t-talbiet attrici;
2. Illi, fil-mertu, in rigward tat-talba ghar-ritrattazzjoni, in-notifika tal-attur odjern, u cioe’ l-konvenut fil-kawza fl-ismijiet inversi (Avviz Numru 492/99MM) deciza fil-5 ta’ Lulju, 1999 saret fil-fond fejn, sa fejn jaf l-eccipjent odjern, l-attur kien jirrisjedi u l-attur qatt ma intima jew innotifika lill-eccipjent odjern li kien mar jirrisjedi altrove, jekk dan effettivament jirrizulta mill-provi tal-attur;
3. Illi, f’kull kaz, l-oneru ta’ tali prova tinkombi fuq l-attur;
4. Illi certament qatt ma kien hemm ebda intenzjoni da parti tal-eccipjent li jqarraq bl-attur odjern kif se jirrizulta ampjament mit-trattazzjoni tal-kawza u kwindi t-talba ghar-ritrattazzjoni certament li ma tissustix a bazi tal-artikolu 811 (a) tal-Kap 12 tal –Ligijiet ta’ Malta;
5. Illi fil-mertu ghar-rigward tal-kreditu pretiz mill-eccipjent odjern fil-konfront tal-attur u li diga gie kanonizzat bis-sentenza moghtija minn din l-istess Qorti kif diversament presjeduta fl-ismijiet inversi (Avviz Numru 492/99MM) jirrizulta ampjament u dan kif jista jigi ppruvat u ghaldaqstant, anke kieku din l-Qorti kellha takkolji l-

ewwel talba attrici u tordna r-ritrattazzjoni ta' din il-kawza, din l-istess Qorti ghandha, ai termini tal-artikolu 820(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta terga tisma l-kawza mill-gdid u tilqa t-talba tal-eccipjent odjern, (l-attur fil-kawza fl-ismijiet inversi suriferita) sabiex l-attur odjern (konvenut fl-imsemmija kawza) jigi ordnat biex ihallas lill-eccipjent odjern is-somma ta' tliet mija u ghoxrin lira Maltija (Lm320) bhala import ta' prezz ta' twieqi ta' 'aluminium' ordnati mill-attur odjern minghand il-konvenut odjern, bl-ispejjes kollha, inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru ezekuttiv numru 1903/99, u bl-imghax legali kontra l-attur odjern sad-data tal-pagament effettiv;

6. Illi fil-mertu wkoll assolutament mhuwiex minnu li l-appalt 'de quo' kien gie terminat f'Novembru tas-sena 1997 minhabba inadempjenza tal-eccipjent odjern;

7. Illi l-fatti reali huma dawk dikjarati mill-eccipjent fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu li tikkostitwixxi parti essenzjali u integrali minn din l-odjerna nota tal-eccezzjonijiet.

Rat il-verbal tat-12 t'Ottubru 2000 fejn l-konvenut irtira l-ewwel eccezzjoni minnhu sollevata.

Rat id-digriet tat-12 t'Ottubru 2000 fejn giet ordnata l-allegazzjoni tal-process tal-kawza deciza fil-5 ta' Lulju 1999 fl-ismijiet "John Grech li jiggestixxi d-ditta Alum Glass – vs – Robert Cini" Avviz Nru 492/99MM.

Rat is-sentenza taghha tas-6 ta' Lulju 2001 fejn laqghat l-ewwel talba tal-attur u ordnat li ssir ir-ritrattazzjoni tal-kawza imsemmija deciza fil-5 ta' Lulju 1999, bl-ispejjes riservati a gudizzju finali.

Semghet ix-xhieda prodotti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-kontendenti;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Mill-provi prodotti  ma tirrizultax kontestazzjoni bejn il-kontendenti illi kien sar ftehim bejniethom fis-sens illi John Grech  kellu jahdem aperturi tal-aluminium fl-interess ta' Robert Cini, sabiex  dawn jitwahhlu fil-fond, 13 Triq Isouard, San Pawl il-Bahar.

Jirrizulta wkoll illi l-istima tal-prezz ghal dan ix-xoghol lest minn kollox hija dik esibita a fol 15 (tal-process) ghal total ta' Lm940 (disa' mija u erbghin lira Maltin).

Jirrizulta wkoll illi x-xoghol kollu tal-aluminium kif indikat fl-istima kellu jkun maqsum fit-tlett (3) fazijiet, fl-ewwel lok kellhom jitlestew ir-railings tal-aluminium kif fil-fatt tlestew u taghhom John Grech gie mhallas.  Kellhom imbaghad jitlestew it-twieqi u nsegwitu, meta l-flat jitlesta mill-madum, kellhom jitwahhlu l-bibien interni.

Fejn ma jaqblux il-kontendenti jirrigwarda z-zmien li fih kellu jitlesta u jitwahhal ix-xoghol ta aperturi.  Fil-waqt illi John Grech isosstni, illi huwa kien ha l-kejl definittiv, ghal dak li jirrigwarda t-twieqi, f'Lulju tal-1997 u kien dejjem pront illi lesti u jwahhal dawn l-aperturi, Robert Cini, sosstni illi effettivament huwa kien jinsisti biex jitwahhlu dawn l-istess  aperturi u kien Grech li baqa' inadempjenti.

Inoltre jirrizulta illi f'Marzu tal-1998, Robert Cini kien wahhal aperturi ohrajn minflok dawk illi kien ordna minn ghand Grech.

Billi jirrizulta wkoll illi John Grech kien ukoll, sa dak iz-zmien, lesta t-twieqi, almenu sa fejn jirrigwarda x-xoghol tal-aluminium, huwa qed jippretendi li ghandhu jithallas ta' dan ix-xoghol fl-istat li hu  prevja konsenja tieghu lil Robert Cini.

Ghalhekk il-kwistjoni li ghandha tiddetermina din il-Qorti, tirrisolvi ruhha f'determinazzjoni dwar jekk kienx gie iffissat terminu  ghat-tlestija tax-xoghol minn Grech,  u jekk Grech kienx  inadempjenti.

Minn-naha tieghu, John Grech isosstni illi sa minn Lulju 1997 huwa kien digia' ha l-qisien tat-twieqi tal-aluminium u sa 15 il jum wara, u ghalhekk sa xi Awissu ta' 1997, huwa kien digia lesta x-xogholijiet almenu fejn jirrigwarda l-aluminium, izda minghajr il-hgieg. Inoltre, huwa jsosstni illi ma gie ffissat ebda terminu entro liema huwa kellu jwahhal dawn l-aperturi u kien dejjem qieghed jistenna illi Robert Cini jindikalhu meta huwa xtaq illi jsir t-twahhil ta' dan ix-xoghol.

Grech isosstni wkoll illi Cini kellu jinformah meta jlesti l-madum ta' l-art halli jkun jista' jkompli bix-xoghol tal-bibien izda Cini qatt ma indikalu illi kien f'posizzjoni li jaccetta x-xoghol nonostante il-pressjoni li Grech kien jghamel fuqhu.

Minn-naha tieghu Cini, isosstni illi Grech kien inkarigat sabiex fi zmien qasir min meta ha l-kejl f'Lulju 1997, huwa kellu almenu jwahhal fil-post it-twieqi, u kellu jwahhal il-bibien wara li jsir il-madum u Cini sosstni illi dan il-madum twahhal f'Settembru tal-1997 u diversi drabi kien intima lil Grech biex ukoll ilesti x-xoghol tal-biebien.

Billi mill-provi prodotti, u mic-cirkostanzi rizultanti jirrizulta illi l-ftehim originali illi sar bejn il-kontendenti kien jirrigwarda biss id-dettalji w il-prezzijiet tal-aperturi u r-railings li kellhom jitwahhlu, u ma jirrizultax illi sar xi ftehim esprezz dwar it-terminu li fih kellu jitlesta x-xogholijiet, u jirrizulta anzi illi x-xoghol kien gie spezzettat fuq talba ta' Cini stess, kif jirrizulta mix-xoghol li jirrigwarda r-railings, jispetta lil Robert Cini illi jgib prova konklussiva, illi effettivament huwa kien lesta l-fond minn dak kollhu rikjest u illi kien insista ma Grech biex jlesti dan ix-xoghol fi zmien li issa gie pattwit u Grech baqa' inadempjenti.

Izda ghalkemm Cini jidher illi kien preciz hafna fin-notamenti tieghu bil-miktub biex huwa jiftakar id-dettalji rilevanti ghal din il-kwistjoni, f'ebda mument ma hass il-htiega illi huwa jintima lil Grech terminu ghat-tlestija tax-xoghol bil-miktub, meta sosstni ukoll li kien ippressat biex iwahhal l-aperturi fil-flat tieghu,

Minn-notamenti stess ta’ Cini, jirrizulta illi l-kont ghat-twahhil tal-madum gie rilaxxat fil-bidu ta’ Settembru tal-1997, u jidher illi almenu minn dak ix-xahar il-fond tieghu kien lest biex jircievi t-twahhil tat-twieqi w il-bibien.

Ghalhekk billi, fin-nuqqas ta ftehim espress, iz-zmien minn meta Grech setgha jibda’ jwahhal ix-xoghol kien jiddependii fuq il-volonta’ jew diskrezzjoni ta’ Cini stess kien jispetta lil Cini illi b’mod car u inekwivoku jindika lil Grech meta kien pront jaccetta l-aperturi biex jista jigi determinat li Grech serta kien tardiv.

Billi minn naha tieghu Grech isosstni anzi illi huwa kien sa gimghatejn minn wara li ha l-kejl lesta x-xoghol tat-twieqi, u kien dejjem insistenti ma Cini sabiex dan jippermettilhu jkompli bix-xoghol, il-Qorti ssib illi dak li qieghed isosstni Cini mhux sorrett mill-provi u ghalhekk tirrespingi l-eccezzjonijiet minnhu sollevata.

Fuq kollox anke jekk kellhu jirrizulta illi kien sar xi ftehim dwar xi terminu ghall-konsenja tal-aperturi, Cini qatt ma seta jkun gustifikat li unilateralment jiddecidi huwa stess x’kien dan it-terminu, jiddecidi wahdu li Grech kien inadempjenti u, minghajr ebda intimazzjoni jew proceduri legali jiddikjara huwa stess li l-kuntratt tieghu ma Grech gie xjolt irrevokabilment.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qieghdha tilqa t-talba tal-attur, John Grech, kif proposta fl-avviz Nru 492/99MM u tikkundanna lill-konvenut, Robert Cini f’dik il-kawza sabiex ihallas lil John Grech, is-somma mitluba ta’ Lm320 (tlett mija u ghoxrin lira Maltin) bl-imghax legali b’effett mis-17 t’Ottubru 1998;

Bl-ispejjez kollha kontra Robert Cini.

--------------------------------TMIEM--------------------------------